# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2018

**Numru 13**

**Rikors Numru 282/18TA**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Umesh Adivarekjar bin-numru tal-passaport Indjan L9630604; Neisakuonuo Belho bin-numru tal-passaport Indjan M1140305; Siva Bolla bin-numru tal-passaport Indjan J5122089; Rodion Chechelnitskiy bin-numru tal-passaport Russu 530767890; Leanne Cilia bin-numru tal-passaport Malti 1268118; Ian Cormack bin-numru tal-passaport Ingliz 519915481; Anwar El Gharraf bin-numru tal-passaport Olandiz NYB04JF71; Emil El Gharraf bin-numru tal-passaport Olandiz NRF1294P2; Nenad Franic bin-numru tal-passaport Kroat 14429748; Lovre Grubic bin-numru tal-passaport Kroat 3993023;Lhiwepolou Krome bin-numru tal-passaport Indjan H6142161; Jonathan Miallef bin-numru tal-passaport Malti 1114577; Alen Parenta bin-numru tal-passaport Kroat 4046363; Bruno Pasquier bin-numru tal-passaport Portugiz N383356; Ivaylo Shopov bin-numru tal-passaport Olandiz 383112657**

**vs**

**M/Y Indian Empress**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' l-Avukat Dr. Malcolm Mifsud nomine presentat fis-27 ta' Marzu, 2018 u mahluf mill-istess Avukat Dr. Malcolm Mifsud li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi l-esponenti kienu impjegati (Dok A sa Dok S) sabiex jaghtu servizz lill-bastiment Konvenut;
>
> Illi l-esponenti ma ircevewx is-salarju u beneficji ohra taghhom, li komplessivament jammonta ghal mitejn u disghin elf, erba mija u sitta u ghoxrin Dollaru Amerikan u tlett centezmi (USD 290,426.03), li huwa ekwivalenti ghas-somma mitejn u erba u tletin elf, mija u disa u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmu);
>
> Jghid il-konvenut ghaliex:-
>
> 1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smigh ghat-termini tal-artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.
>
> 2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ghal mitejn u disghin elf, erba mija u sitta u ghoxrin Dollaru Amerikan u tlett centezmi (USD 290,426.03), li huwa ekwivalenti ghas-somma mitejn u erba u tletin elf, mija u disa u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmu), oltre l-imghaxijiet legali, liema ammont minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.
>
> Bl-ispejjes tal-presenti u tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 351/2018."

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju, 2018;

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti hija sodisfatta li l-ammont li qed jintalab mill-Attur nomine huwa dovut. L-istess ammont gie konfermat bil-gurament fir-rikors promotur u di

piu` l-istess talba hija sostnuta mid-dokumenti esebiti mal-istess rikors promotur. Dan ifisser li t-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba** billi fid-dawl tad-digriet moghti fl-24 ta' Mejju, 2018 tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-Konvenut ossia M/Y Indian Empress ihallas lill-Attur nomine l-ammont ta' mitejn u disghin elf, erba mija u sitta u ghoxrin Dollaru Amerikan u tlett centezmi (USD 290,426.03), ekwivalenti ghas-somma ta' **mitejn u erbgha u tletin elf, mija u disa u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€234,129.85)** bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-kawza u tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 351/2018 jithallsu kollha mill-Konvenut ossia M/Y Indian Empress.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**